Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10271 - LIXIL/Schüco/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 272/06)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LIXIL Corporation ("LIXIL", il-Ġappun),

— Schüco International KG ("Schüco", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Otto Fuchs Beteiligungen KG ("Otto Fuchs Group", il-Ġermanja),

— Schueco Japan K.K. (Joint venture, "JV", il-Ġappun), impriża eżistenti kkontrollata esklużivament minn Schüco biex tkun trasformata f'joint venture.

Lixil u Schüco jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll bi sħab ta' Schüco Japan K.K.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LIXIL: Il-manifattura ta' materjali għall-bini u tagħmir għall-akkomodazzjoni.

— Schüco: L-iżvilupp u l-bejgħ ta' soluzzjonijiet ta' sistemi magħmula mill-aluminju, l-azzar u l-uPVC għall-involukri tal-bini.

— Schueco Japan K.K.: Id-disinn u l-bejgħ ta' sistemi, prodotti u servizzi tal-aluminju fis-settur tal-kostruzzjoni arkitettonika fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10271 - Lixil/Schüco/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.